**Linji Gwida għall-eżami annwali tal-Malti Bħala Lingwa Barranija**

Il-Ħames Sena

---

L-eżami annwali tal-MLB tal-5 sena se jkun maqsum hekk:

Il-karta tat-taħdit u l-qari mgħajjat (10 minuti), il-karta tal-fehim mis-smigħ (30 minuta) u l-karta tal-qari u l-kitba (siegħa u nofs).

- Il-Qari u l-Kitba – 60 marka
- Il-Fehim mis-Smigħ – 20 marka
- It-Taħdit u l-Qari Mgħajjat – 20 marka

**L-Eżami tal-Qari u l-Kitba**

**Il-Qari (30 marka)**

Is-sezzjoni tal-qari hi maqsuma f'żewġ taqsimiet:

**Taħriġ A** fl-ewwel taqsima huwa kompost minn storja ta' madwar 250 kelma. Wara li din tinqara mill-istudent, jiġu mwieġba l-mistoqsijiet dwar l-istess storja li jkun qara (minn għaxar sa tnax -il mistoqsija). Dan sabiex jissaħħu l-kisbiet mit-tagħlim tal-qari, speċjalment kisba numru 1. It-taħriġ ikollu 20 marka.

**Taħriġ B** fit-tieni taqsima jkun kompost minn test li jinqara, u allura mibni fuq il-ġeneri skont kif mitlub f'kisbiet numri 1, 2 u 3. Wara l-qari, l-istudent iwieġeb minn erba' sa ħames mistoqsijiet dwar dak li jkun qara. Dan it-taħriġ ikollu 10 marki.

L-għalliem għandu jsegwi l-iskema tal-marki sabiex jikkoreġi t-taqsimiet tal-qari.

**Il-Kitba (30 marka)**

Is-sezzjoni tal-kitba hija komposta minn żewġ taħriġiet:

**Taħriġ Ċ** hu mfassal fuq eżerċizzju b'referenza għat-temi li madwarhom jiġu żviluppati l-kisbiet 1, 2, 3 u 4. Dan it-taħriġ ikollu 10 marki.

**Taħriġ D** hu mfassal fuq kisbiet 1, 2 u 3 b'rabta mat-temi studjati. Dan it-taħriġ ta' kitba qasira jew sentenzi (madwar 70 kelma) li jista' jinkludi stampa/i u/jew kliem jew frażijiet bħala għajnuna u jkollu 20 marka.

B'kollox il-komponent tal-kitba fih 30 marka li jingħataw skont il-kriterji ta' din it-tabella:

| Il-Kriterji tal-Assessjar tal-Kitba bil-Malti bħala Lingwa Barranija | | | |
|---|---|---|---|
| **Mhux milħuqa** | **Parzjalment milħuqa** | **Milħuqa b'mod sodisfaċenti** | **Milħuqa b'mod sħiħ** |
| **1. Il-vokabularju** | | | |
| **0-1** | **2-3** | **4** | **5** |
| **Ma nużax** il-vokabularju li tgħallimt. | Nuża l-vokabularju li tgħallimt imma **b'ħafna ripetizzjoni.** | **Nuża tajjeb** il-vokabularju li tgħallimt. | Nuża l-vokabularju li tgħallimt **b'mod kreattiv u xieraq.** |
| **2. L-ispellija tal-kliem** | | | |
| **0-1** | **2-3** | **4** | **5** |
| **Inbati** biex nikteb kliem bil-Malti. | Nikteb **tajjeb** vokabularju/frażijiet bil-Malti imma **niżbalja** fejn hemm l-ittri tal-alfabett tal-Malti. | Nikteb **tajjeb** kliem/ frażijiet mgħallma lili minn qabel li **jinkludu** l-ittri tal-alfabett tal-Malti . | Nikteb **tajjeb** vokabularju / frażijiet mgħallma lili minn qabel, **u mhux, li jinkludu** l-ittri tal-alfabett tal-Malti. |
| **3. Il-punteġġjatura** | | | |
| **0-1** | **2-3** | **4** | **5** |
| **Ma nużax** punteġġjatura fil-kitba tiegħi. | Nuża l-punteġġjatura imma **mhux b'mod konsistenti**. | Nuża l-punteġġjatura **b'mod konsistenti b'xi nuqqasijiet żgħar**. | **Nuża dejjem u sewwa** l-punteġġjatura fejn meħtieġa. |
| **4. L-istruttura tas-sentenza** | | | |
| **0-1** | **2-3** | **4** | **5** |
| Is-sentenzi għandhom struttura ħażina **u ma jinftehmux**. | Is-sentenzi għandhom żbalji fl-istruttura u **jinftiehmu bi tbatija.** | Xi sentenzi għandhom struttura tajba u oħrajn għandhom xi żbalji u, **għalkemm jinftiehmu, mhumiex dejjem ċari biżżejjed.** | Is-sentenzi għandhom struttura tajba, huma **ċari u jinftiehmu**. |

## L-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

Il-karta tal-fehim mis-smigħ hija komposta minn silta qasira ta' madwar 100 kelma b'mistoqsijiet maqsumin f'erba' taqsimiet (kisbiet numri 1 u 6). Wara li jinqraw kemm is-silta kif ukoll il-mistoqsijiet, l-istudent iwieġeb il-mistoqsijiet. Imbagħad is-silta u l-mistoqsijiet jerġgħu jinqraw għat-tieni darba. L-istudent ikun jista' jibda jwieġeb il-mistoqsijiet waqt li jkunu qed jinqraw is-silta u l-mistoqsijiet. Dan hu **eżempju mudell** ta' kif jistgħu jkunu komposti l-mistoqsijiet:

| | |
|---|---|
| **Taqsima A** | L-istudent jingħata stampi ta' erba' oġġetti u jimmarka dik l-istampa li turi oġġett li ma jissemmiex fis-silta. |
| **Taqsima B** | L-istudent jingħata seba' sentenzi fejn, għal kull waħda, irid jagħżel it-tajba minn tliet għażliet. |
| **Taqsima Ċ** | L-istudent jingħata tliet sentenzi fejn għal kull waħda jrid jagħżel VERU jew FALZ. |
| **Taqsima D** | L-istudent jingħata żewġ stampi – hawn jimmarka l-istampa li taqbel mas-silta. |

**L-Eżami tat-Taħdit u l-Qari Mgħajjat**

L-istudent jingħata l-karta b'taħriġ li jkun jikkonsisti minn sentenzi għall-qari mgħajjat u mistoqsijiet dwar stampa. L-istudent ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu għaxar minuti biex jipprepara għal dan l-oral.

Fl-ewwel taħriġ l-istudent jintalab mill-eżaminatur biex jaqra ftit sentenzi b'attenzjoni għall-ittri Maltin u l-punteġġjatura. Hekk l-istudent ikun qed jiġi eżaminat fuq il-ħila tal-qari mgħajjat skont il-kisba numru 6. Għal dan it-taħriġ hemm allokati 10 marki li huma bbażati fuq dawn il-kriterji tal-assessjar:

| **Il-Kriterji tal-Assessjar tal-Qari Mgħajjat** | | | |
|---|---|---|---|
| **0-1** | **2-3** | **4** | **5** |
| • Naqra **bi tbatija** vokabularju li ġie mgħallem lili minn qabel. | • Naqra vokabularju imma **mhux dejjem** nagħraf l-ittri tal-alfabett tal-Malti. | • Naqra **tajjeb** vokabularju li fih l-ittri tal-alfabett tal-Malti, li ġie mgħallem lili minn qabel. | • Naqra **b'kunfidenza** vokabularju li jinkludi fih l-ittri tal-alfabett Malti mgħallem lili, u mhux. |
| | | | |
| **0-1** | **2-3** | **4** | **5** |
| • Naqra bi tbatija sentenzi qosra. | • Naqra sentenzi bi ftit żbalji u mhux dejjem nagħti kas tas-sinjali tal-punteġġjatura. | • Naqra tajjeb sentenzi u nagħti kas tas-sinjali tal-punteġġjatura. | • Naqra sentenzi b'kunfidenza u noqgħod attent/a għall-punteġġjatura u l-intonazzjoni. |

Fit-tieni taħriġ l-istudent iwieġeb għal xi mistoqsijiet li jagħmillu l-eżaminatur dwar stampa li wkoll tkun ingħatat lill-istudent minn qabel biex jipprepara dwarha. Hawn l-istudent ikun qed jiġi eżaminat għall-kisbiet mit-taħdit, b'mod speċjali kisbiet numru 4 u 5. Dan it-taħriġ ukoll fih 10 marki li huma bbażati fuq dawn il-kriterji tal-assessjar:

| Il-Kriterji tal-Assessjar għat-Taħdita | | | |
|---|---|---|---|
| **1. Il-vokabularju** | | | |
| **0-1** | **2-3** | **4** | **5** |
| • Inħaddem **bi tbatija xi vokabularju** mgħallem lili minn qabel. | • Inħaddem **xi vokabularju** mgħallem lili minn qabel. | • Inħaddem **tajjeb għażla ta' vokabularju** mgħallem lili minn qabel. | • Inħaddem **b'kunfidenza vokabularju varjat** li jinkludi dak mgħallem lili u dak mhux. |
| **2. L-istruttura tad-diskors u t-tonalità** | | | |
| **0-1** | **2-3** | **4** | **5** |
| • **Nibni s-sentenzi bi tbatija** waqt li qed nitħaddet. | • Nibni **s-sentenzi** imma **ma nħaddimx it-tonalità addattata** skont kif jitlob il-ġeneru tat-taħdit. | • Nibni **s-sentenzi** u nuża **t-tonalità addattata** skont il-ġeneru tat-taħdit. | • Nibni **s-sentenzi** u nuża **t-tonalità addattata b'mod mexxej** u **b'kunfidenza** skont il-ġeneru tat-taħdit. |